MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 591/2013

**GasanMamo Insurance Limited [C-3143] kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Raymond Borg u l-istess Raymond BORG**

**Vs**

**(1) Lawrence GALEA**
**(2) Kenneth TABONE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-24 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' disa mija tmienja u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin ċenteżmi ta' euro [€928.24] u dan wara li ppremettew hekk:

"Il-konvenuti jew minn minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' €928.24 dana in kwantu ghas-somma ta' €813.24 lis-socjeta attriċi

assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta’ €115.00 lill-attur Raymond Borg rappresentanti danni li sofrew meta fil-31 ta’ Dicembru 2011 gewwa San Gwann l-konvenuti jew minn minnhom waqt li kienu qed jiġġieldu ghamlu hsara fuq il-vettura numru GAK-745 proprjeta ta’ Raymond Borg.

Dan l-incident huma ghalih unikament responsabbli l-konvenuti jew minn minnhom.

Bl-ispejjes, komprisi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 12 ta’ Lulju 2013 kontra l-konvenuti, bl-imghaxijiet mid-data ta’ din l-istess ittra uffiċjali kontra l-istess konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat Lawrence Galea** mressqa fit-28 ta’ Ottubru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“(i) Illi fl-ewwel lok u b’mod preliminari l-esponenti mhumiex responsabbli ghad-danni mitluba mis-socjeta rikorrenti, stante li l-incident de quo sehh b’tort uniku tal-konvenut Kenneth Tabone li kien taht l-effett tal-akohol u beda jiġġieled mal-intimat Galea;

(ii) Illi fit-tieni lok is-surrogat Raymond Borg jahti ghad-danni li ġarrab fil-vettura tieghu li s-socjeta assiguratrici rikorrenti qed titlob lura, in kwantu huwa ghazel li jipparkja l-vettura tieghu skorrettement fil-post tal-incident waqt li kien ghaddej l-incident ipprovokat minn Kenneth Tabone, sabiex jintervjeni huwa ukoll u b’hekk konsapevolment espona l-vettura tieghu ghal riskju li ghalih ghandu jaghmel tajjeb hu stess;

(iii) Illi fit-tieni lok u minghajr preġudizzju ghas-suespost, jispetta lis-socjeta rikorrenti li tressaq provi preċiżi in sostenn ta’ dak li qed tallega inkluż tad-danni minnha reklamati;

(iv) Illi subordinatament u fi kwalunkwe kaz, id-danni li s-socjeta rikorrenti qed tippretendi mhux ġustifikati u huma esaġerati ghall-hsara mġarrba;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti";

Ra **r-risposta tal-intimat Kenneth Tabone** mressqa fit-23 ta' Jannar, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"L-esponent mhuwiex responsabbli ghal xi hsara fil-vettura numru GAK-745 ghaliex din grat b'tortijiet imputabbli unikament lil konvenut l-iehor Lawrence Galea. Sussidjarjament u bla preġudizzju l-ammont reklamat mill-atturi huwa esagerat";

Ra l-verbal tat-30 ta' Settembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ra l-atti;

Semgha' x-xhieda;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimati tas-somma ta' €928.24 rapprezentanti danni li sofrew meta fil-31 ta' Dicembru, 2011 gewwa San Gwann l-intimati jew minn minnhom waqt li kienu qeghdin jiġġieldu ghamlu hsara fuq il-vettura numru GAK

745 proprjeta tar-rikorrenti Raymond Borg. Ir-rikorrenti sostnew li dan l-incident sehh unikament tort tal-intimati jew minn minnhom.

2. L-intimat Lawrence Galea laqa' ghal din ix-xilja billi qal li huwa ma kienx responsabbli ghad-danni mitluba mis-socjeta rikorrenti stante li l-incident de quo sehh b'tort uniku tal-intimat Kenneth Tabone li kien taht l-effett tal-akohol u beda jiġġieled mieghu. Qal ukoll li r-rikorrenti Raymond Borg jahti ghad-danni li ġarrab fil-vettura tieghu u dan peress li huwa ghazel li jipparkja l-vettura tieghu skorrettement fil-post tal-incident waqt li kien ghaddej l-incident ipprovokat minn Kenneth Tabone, sabiex jintervjeni huwa ukoll u b'hekk konsapevolment espona l-vettura tieghu ghal riskju li ghalih ghandu jaghmel tajjeb hu stess. Dwar id-danni, huwa qal li jispetta lis-socjeta rikorrenti li tressaq provi preċiżi in sostenn ta' dak li qed tallega inkluż tad-danni minnha reklamati u li d-danni li s-socjeta rikorrenti qed tippretendi mhux ġustifikati u huma esaġerati ghall-hsara mġarrba.

3. L-intimat l-iehor Kenneth Tabone qal li huwa ma kienx responsabbli ghal xi hsara fil-vettura numru GAK-745 ghaliex din grat b'tortijiet imputabbli unikament lil intimat l-iehor Lawrence Galea. Qal ukoll, u dan b'mod sussidjarju u minghajr preġudizzju li l-ammont reklamat mir-rikorrenti kien esaġerat.

Ikkunsidra;

4. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta li fil-31 ta' Dicembru, 2011 waqt li l-intimat Lawrence Galea kien qed isuq il-vettura tieghu sejjer fid-direzzjoni minn San Gwann lejn il-Vibes discotheque kien hemm quddiemu l-intimat l-iehor Kenneth Tabone li ukoll kien qieghed isuq vettura. L-intimat Galea ghamel manuvra ta' sorpass u dak il-hin l-intimat Tabone ġibed ghal fuqu bil-konsegwenza li z-zewg vetturi habtu. Skond ma xehed l-intimat Galea, l-habta saret ftit il-fuq mill-Knisja ta' San Gwann fejn hemm iz-zebra crossing. Skond Galea, Tabone ma waqafx u ghalhekk huwa baqa jsuq warajh sakemm qabżu, issikah u Tabone kellu jieqaf. L-intimat Galea fid-deposizzjoni tieghu jghid li huma waqfu fejn

il-Housing Estate ta’ San Gwann. Galea niżel mill-vettura tieghu u Tabone, li kien fis-sakra, prova jhebb ghalih. L-intimat Galea qal li x’hin Tabone beda jahbat ghalih “*... bdejt narmih lil hemm*” (fol. 57). F’din il-kommozzjoni kollha, l-intimat Tabone, dejjem skond ma xehed l-intimat Galea, ċempel lil habib tieghu u fil-fatt dan il-habib, li rrizulta li kien Matthew Babcock, wasal fuq il-post xi ftit tal-hin wara u pparkegga l-vettura tieghu quddiem il-vetturi ta’ l-intimati. Dan Babcock “*...beda jipprova jiġbed lil Kenneth Tabone minn fuqi*” (fol. 58). Galea kompla jghid li “*peress illi konna mqabbdin flimkien bdejna mmorru fuq il-vettura tal-persuna l-ohra li ġiet u li kien ċemplilha Kenneth Tabone*” (fol. 58). L-intimat Galea jiddeskrivi s-sitwazzjoni hekk “*Kenneth kien ikun imqabbad mieghi, din il-persuna l-ohra tiġbed lil Kenneth u t-tlieta li ahna nintghafsu mal-karozza ta’ dan l-individwu*” (fol. 58). Galea jammetti li huwa kellhu juża s-sahha l-ghaliex kien hemm tnejn minn nies fuqu. L-intimat Tabone jaghti stampa ftit differenti minn Galea. Huwa qal li mal-habta, l-intimat Galea niżel mill-vettura tieghu u beda jghajjat mieghu. Tabone niżel mill-vettura sabiex jirraġuna mieghu. Tabone cahad li huwa ċempel lil Babcock biex jiġi jassistih. Qal li dan Babcock kien ghaddej minn hemm l-ghaliex hu u Babcock kienu qeghdin jattendu ghal istess party u li huwa waqaf hemm ghax ra x’kien qieghed jiġri. Huwa qal ukoll li l-vettura li kienet misjuqa minn Babcock intlaqtet meta l-intimat Galea tefghu fuqha. Tabone jistqarr li Galea tefghu fuq il-parti ta’ quddiem tal-vettura “*...fejn hemm ix-xibka ġeneralment tal-karozza*” (fol. 72). Sussegwentement waslu l-pulizija. Jirrizulta ukoll li l-pulizija kienu hadu passi kontra z-zewg intimati minhabba din il-glieda iżda mbaghad dawn hafru lil xulxin u l-kaz waqaf hemm. L-intimat Tabone fid-deposizzjoni tieghu ghal mistoqsija jekk kienx xurban meta sehh l-incident wieġeb u qal li “*... hadt xi tnejn birra, kont ghajjien. Nikkonferma wkoll li l-Pulizija kienu nizluni l-Ghassa ta’ San Giljan. Ittiehed ukoll breathlyzer test u rrizulta fil-posittiv però dettalji ma niftakarx*” (fol. 72).

5. L-intimat Galea mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kienx imbotta lil Tabone fuq il-vettura li kienet misjuqa minn Babcock, ghal ewwel jghid li dan ma kienx minnu u imbaghad, konfrontat bil-verzjoni li ta Babcock lil Pulizija, qal li ma jiftakarx. Zied ighid li l-intimat Tabone kien fis-sakra u gibdu bil-konsegwenza li huma t-tlieta spiċċaw fuq il-vettura ta’

Babcock. Galea stqarr li huwa lill-intimat Tabone ma kienx missu u dak li kien qieghed jaghmel kien biss sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

6. L-intimat Galea esebixxa tlett ritratti li juru l-hsara li kienet garbet il-vettura tieghu meta l-vettura misjuqa mill-intimat Tabone baqghet diehla fih u riċevuta datata 31 ta’ Jannar 2014 ghal pagament li kien sar minn Kenneth Tabone lil Lawrence Galea ghal hsarat li sofra dan ta’ l-ahhar fil-vettura tieghu.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Dwar ir-responsabbilita tal-hsarat subiti fuq il-vettura bil-pjanca ta’ reġistrazzjoni numru GAK-745 misjuqa minn Matthew Babcock l-abbli difensur ta’ l-intimat Tabone, waqt it-trattazzjoni tal-kaz qal li l-hsara sehhet minhabba l-aggressjoni da parti ta’ l-intimat Galea fil-konfront ta’ l-intimat Tabone u li kieku Galea ma waqafx il-glieda ma kienitx issehh. L-abbli difensur ta’ l-intimat Galea, sahqet proprju l-oppost u cioe li l-hsara fuq il-vettura misjuqa minn Babcock sehhet minhabba li Galea kien qieghed jiġi aggredit minn Tabone u l-istess Babcock. Jinghad mal-ewwel li provi ghar-rigward ta’ dan il-fatt u cioe li Babcock kien qieghed jaggredixxi lill-intimat Galea ma hemm xejn fil-process. Anzi jirrizulta proprju l-oppost li dan Babcock kien qieghed jipprova jifraq lil intimati sabiex ma jkomplux jiġu fl-idejn.

8. Ghar-rigward tar-responsabbilita ghall-hsarat de quo, jirrizulta li kienet qeghda issehh ġlieda, u li waqt din il-glieda, l-vettura misjuqa minn Babcock sofriet hsarat. Rajna li l-intimat Tabone *ex admissis*, kien qieghed isuq il-vettura tieghu meta huwa kien xorob alkohol aktar mill-limitu preskritt mill-ligi. Fil-fatt, dan l-intimat jammetti fid-deposizzjoni tieghu li “*Ittiehed ukoll breathlyzer test u rrizulta fil-posittiv però dettalji ma niftakarx*” (fol. 72). Fil-PIRS report li hemm a fol. 16 tal-process (dok. GM1) insibu li t-test li gie somministrat mill-pulizija fuq l-intimat Tabone ta’ rizultat ta 106mg/100ml. Il-limitu preskritt mill-ligi huwa ta’ 35 mikrogramma ta’ alkohol f’100 millilitru ta’ nifs (ex artikolu 15I tal-Kap. 65). Rajna ukoll li kien sehh inċident bejn il-vetturi misjuqa mill-intimati u li l-intimat Tabone ghamel tajjeb ghal hsarat li ġarrab l-intimat Galea fil-vettura tieghu meta Tabone hallas lil Galea s-somma ta’ tmien

mitt euro (€800) (ara dok. LG 1 a fol. 60). Dan il-fatt juri, fil-fehma tat-Tribunal li l-incident awtomobilistiku li sehh bejn l-intimati odjerni sehh unikament tort ta' l-intimat Tabone minhabba l-istat ta' sokor li kien jinsab fih. Dan l-incident imbaghad wassal ghal ġlieda li sehhet bejn l-intimati u d-danni li ġarrbet il-vettura misjuqa minn Babcock. It-Tribunal japprezza li meta wiehed jahbat jaf tinholoq sitwazzjoni ta' rabja aktar u aktar meta l-persuna li tikkawża l-incident tkun xurbana bhal ma kien l-intimat Tabone, però nonostante dan, xejn ma jippermetti li dak li jkun jipprova jiehu s-sodisfazzjon billi jibda jiġġieled max-xufier li jkun ikkawża l-incident. Maghdud dan, l-intimat Tabone, flok baqa fil-vettura tieghu, ammetta li huwa niżel biex jirraġuna ma' l-intimat Galea. X'kien ser jirraġuna jaghmel l-intimat Tabone fl-istat li kien, it-Tribunal ma jistax jifhem aktar u aktar meta l-istess intimat Tabone qal li Galea kien qieghed jghajjat mieghu (fol. 71). Da parti tieghu l-intimat Galea qal li l-intimat Tabone "*... beda jidghi u joffendini b'kollox*" u li "*Tabone prova jhebb ghalija*" (fol. 57). Sussegwentement qamet ġlieda, bl-intimati jiġu fl-idejn u sahansitra jahbtu mal-vettura bil-pjanca ta' reġistrazzjoni GAK-745. Mill-PIRS report, li gie debitament ikkonfermat mis-Surgent tal-Pulizija 1187 Omar Zammit (fol. 46) jirrizulta li l-intimat Tabone qalha xi daqqiet ta' ponn minghand l-intimat Galea u li dan Tabone safa' mbuttat minn Galea ghal fuq il-vettura ta' Matthew Babcock.

9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz jinghad li huwa prinċipju kwalifikat fil-ligi illi "*kull wiehed iwieġeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*" (art. 1031 tal-Kap. 16) u ghalhekk l-awtur tal-hsara subita ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti minn terz. Din ir-responsabilita ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, imġieba li ghandha jkollha neċessarjament ness ta' kawzalita ma' l-event dannuz.

10. It-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti ghamlu l-prova li danni subiti kienu riżultat tal-glieda li sehhet bejn il-partijiet, intimati fil-proceduri odjerni. Li jmiss issa huwa li t-Tribunal jara jekk il-hsarat kagunati humiex attribwibbli liz-zewg intimati, jew ghal xi wiehed minnhom biss.

11. It-Tribunal ghal darb’ ohra jaghmel referenza ghall-PIRS report mehud mis-Surgent tal-Pulizija 1187 Omar Zammit, li ittiehed *a tempo vergine*. Minn dan ir-rapport, it-Tribunal sejjer jislet is-segwenti:

    i. “*Lawrence qal li mbaghad hu u Kenneth bdew jargumentaw u anke gew fl-idejn. Lawrence qal li hin minnhomhom ta’ daqqa ta’ ponn lil Kenneth u anke bbuttah fuq karozza ohra*” (fol. 20);

    ii. “*Kenneth qal li mbaghad Lawrence niżel ghalih u tah daqqa ta’ ponn u qasamlu xufftejh. Kenneth qal li Lawrence tefghu fuq vettura ohra bin-numru GAK-745 u ghamlu hsarat zghar fuq mudguard ta’ quddiem tan-naha tax-xellug u anke fuq mudguard ta’ wara*” (fol. 20);

    iii. “*Matthew qal li wara li sehh dan l-incident, Kenneth cempillu u hu mar hdejh. Ezatt kif wasal, Lawrence qabad u tefgha lil Kenneth fuq il-vettura li Matthew kien qieghed isuq cioe GAK-745 u ghamillu hsarat fuq in-naha tax-xellug tal-vettura*” (fol. 20)

12. Is-Surgent Zammit qal li “*dawn il-verzjonijiet jiena hadthom minghand il-partijiet dak il-hin stess li wasalna fuq il-post*” (fol. 47). Minn dan kollu, jirrizulta car li d-danni maghmulin fil-vettura bil-pjanca ta’ registrazzjoni GAK-745 jahti ghalihom unikament l-intimat Lawrence Galea. L-intimat Kenneth Tabone ma ghamel xejn hlief li safa aggredit mill-intimat Galea meta dan ta’ l-ahhar baqa jsuq wara Tabone, qalghu u rassu sakemm waqaf u imbaghad Galea hareg mill-vettura tieghu ghas-sodisfazzjoni wara li l-intimat Tabone kien laqatlu l-vettura. Din hija attitudni li t-Tribunal ma jistax jittollera. L-intimat Galea messu rraporta lill-pulizija u kienu jkunu huma li jinvestigaw il-kaz u mhux spicca ha l-ligi b’idejh.

13. Imiss issa li jigi determinat xi hsarat kellha l-vettura bil-pjanca ta’ registrazzjoni GAK-745 l-ghaliex iz-zewg intimati jishqu li l-imsemmija vettura diga kellha xi hsarat fuqha u li ghalhekk huma ma ghandhomx ghalfejn iwiegbu ghal dan. Skond is-surveyor Kumar Bonello li kkonferma r-rapport maghmul minnu u li gie mmarkat bhala dok. GM2 (fol. 21) l-imsemmija vettura garbet is-segwenti hsarat:

i. *Front bumper;*
ii. *Bonnet;*
iii. *Front wing left,*
iv. *Front wing badge left,*
v. *Front door shell left,*
vi. *Front door adhesive moulding left,*
vii. *Quarter adhesive moulding left,*
viii. *Bodyside assy left*

14. Is-survey sar fl-4 ta' Jannar, 2012 u allura tlett ijiem wara li sehh l-incident. Is-Surgent tal-Pulizija 1187 Omar Zammit fil-PIRS report nizzel hekk "*Fuq il-post kien hemm Matthew Babcock Driving Licence no. U18302623J li qal li huwa habib ta' Kenneth. Matthew qal li wara li sehh dan l-incident, Kenneth cempillu u hu mar hdejh. Ezatt kif wasal, Lawrence qabad u tefgha lil Kenneth fuq il-vettura li Matthew kien qieghed isuq u cioe GAK-745 u ghamillu hsarat fuq in-naha tax-xellug tal-vettura*" (fol. 20).

15. Raymond Borg, ir-rikorrenti xehed u qal li huwa kull darba li johrog karozza ghal kiri jaghmel *status report*, li juri kif inhi l-vettura qabel ma din tittiehed minghandu. Mitlub jesebixxi kopja ta' dan l-i*status report*, ir-rikorrenti obbliga ruhhu li jesebixxi kopja tieghu f'seduta ohra. Meta reggha xehed, r-rikorrenti qal li huwa ma kienx ghamel *status report* ghal vettura in kwistjoni l-ghaliex Matthew Babcock diga kien kera vettura ohra minghandu ftit xhur qabel u allura zamm l-istess kuntratt. Ir-rikorrenti esebixxa tlett kuntratti ta' kiri li gew immarkati rispettivament bhala dok. RBZ1 (fol. 52). Pero kif diga inghad, kuntratt ghall-vettura GAK-745 li jkopri l-perjodu 16 ta' Dicembru, 2011 il-quddiem ma kellhux. Ir-rikorrenti qal illi kieku din il-vettura kellha xi daqqa, Babcock ma kienx jehodha zgur. In kontro-ezami, mistoqsi kif jista jirrikoncilja dan il-fatt u cioe li Babcock ma kienx jiehu l-vettura in kwistjoni kieku din kellha daqqa mal-fatt li fuq wiehed minn dawn il-kuntratti esebiti u cioe dak li hemm a fol. 53 tal-process fejn hemm salib fuq il-*boot* tal-vettura EBK-629[1] huwa qal li "*kieku l-Kalos*[2] *kellha daqqa mhux ma*

[1] Din il-vettura ma ghandhiex x'taqsam mal-vettura odjerna izda l-kuntratt taghha gie esebit biex ir-rikorrenti juri l-marki li huma jaghmlu kull meta vettura tohrog minghandu fil-parti intestata "Car Body Check Out".

[2] Din hija l-vettura in kwistjoni u li garbet il-hsarat konsegwenza ta' l-incident de quo.

*kienx jehodha l-vettura Babcock imma kien jghidli biex innizel din id-daqqa*" (fol. 50).

16. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mix-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri mir-rikorrenti u mis-surveyor ghar-rigward tal-hsarat li garbet il-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni GAK-745 u l-hlasijiet maghmula in rigward u konsegwentement sejjer jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-intier.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i. Jilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Kenneth Tabone u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tieghu;

ii. Jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat Lawrence Galea in kwantu dan huwa nkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

iii. Konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat Lawrence Galea sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma reklamata ta' disa mija tmienja u ghoxrin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€928.24) bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dawn l-ammonti mit-12 ta' Lulju, 2013, data ta' l-ittra ufficjali, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghar-rigward ta' l-intimat Kenneth Tabone jithallsu mir-rikorrenti.

L-ispejjez l-ohra kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju, 2013 ghandhom jithallsu mill-intimat Lawrence Galea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------